

Brussell, 7 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13207/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0295(NLE)

FIN 1030
RESPR 33
CADREFIN 150
POLGEN 127

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.	12694/22
Nru dok. Cion:	12551/22 + ADD 1 (COM(2022) 485 final + ANNEX)
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni kontra l-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Ungerija: Estensjoni tal-perjodu ta' xahar – <i>Approvazzjoni</i>

1. Fit-18 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha għal deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni kontra l-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Ungerija (il-"Proposta"). Il-Proposta ġiet ippreżentata skont l-Artikolu 6(9) tar-Regolament 2020/2092 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ir-"Regolament dwar il-Kondizzjonalità"). Din tipproponi miżuri għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni kontra l-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Ungerija li huma identifikati fil-Proposta nnifisha.

2. Fl-istess ħin, il-Proposta, kif iċċarat ulterjorment il-Kummissjoni fil-laqgħat tal-Coreper II u tal-Kumitat tal-Baġit, tirrikonoxxi d-djalogu kostruttiv mal-Ungerija u l-progress li sar mill-awtoritajiet Ungeriżi. Il-Proposta tirreferi għal sett ta' 17-il miżura ta' rimedju ppreżentati lill-Kummissjoni li jikkonċernaw kemm il-qafas legali tal-Ungerija kif ukoll, fil-biċċa l-kbira, il-prattika. Il-Kummissjoni tinnotta li jeħtieġ li, sad-19 ta' Novembru 2022, l-Ungerija tieġu l-passi ewlenin għall-implimentazzjoni ta' ħafna mill-miżuri ta' rimedju proposti¹. Il-Kummissjoni tqis *"(...) li l-miżuri ta' rimedju proposti, meħuda flimkien, jekk jiġu speċifikati b'mod korrett fil-liġijiet ta' promulgazzjoni u fir-regoli ta' implimentazzjoni u għaldaqstant implimentati, jistgħu fil-prinċipju, skont id-dettalji tal-miżuri, ikunu kapaċi jindirizzaw il-kwistjonijiet deskritti fin-notifika"*².
3. Skont l-Artikolu 6(10) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni dwar miżuri għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fi żmien xahar minn meta jirċievi l-proposta tal-Kummissjoni. L-Artikolu 6(10) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità jipprevedi wkoll li l-perjodu għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni jista' jiġi estiż b'massimu ta' xahrejn *"jekk jinqalgħu ċirkostanzi eċċezzjonali"*.
4. Peress li l-Proposta waslet għand il-Kunsill fit-18 ta' Settembru 2022, l-aħħar jum biex il-Kunsill jadotta l-Proposta huwa d-19 ta' Ottubru 2022.
5. B'kont meħud li, kif spjegat fil-Proposta, jeħtieġ li l-Ungerija tadotta l-leġiżlazzjoni u r-regoli ta' implimentazzjoni dwar il-miżuri ta' rimedju addizzjonali sad-19 ta' Novembru 2022, u li din id-data tmur lil hinn mill-perjodu li fih il-Kunsill jista' jaġixxi (li jintemm fid-19 ta' Ottubru 2022), fil-laqgħa tal-Coreper II tal-21 ta' Settembru 2022, l-Ungerija talbet li l-Kunsill jikkunsidra estensjoni ta' xahrejn ta' dak il-perjodu.

¹ Ara l-paragrafi (83) u (84) tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni (id-dokument 12551/22, p. 23) u l-passi ta' implimentazzjoni ewlenin tal-miżuri ta' rimedju li jinsabu fit-tabella 1 tal-Anness għall-Memorandum ta' Spjegazzjoni (id-dokument 12551/22 ADD 1, p. 1-3).

² Ara l-paragrafu (121) tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni (id-dokument 12551/22, p. 34).

6. Fil-laqgħat tiegħu tat-22 u t-28 ta' Settembru 2022, il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta tal-Kummissjoni u t-talba Ungeriża għal estensjoni. Meta ddiskuta l-possibbiltà ta' tali estensjoni tal-perjodu b'xahrejn addizzjonali, il-Kumitat tal-Baġit ikkunsidra l-elementi ta' hawn taħt.
7. L-estensjoni hija konformi mal-oġġettiv tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità li jipproteġi l-baġit tal-Unjoni filwaqt li jippermetti f'kull stadju tal-proċedura li l-Istat Membru kkonċernat jadotta miżuri adegwati biex jirrimedja għal dejjem il-ksur identifikat tal-prinċipju tal-istat tad-dritt li jaffettwa jew jirriskja serjament li jaffettwa l-baġit tal-Unjoni.
8. Fid-dawl ta' dan ir-raġunament preventiv tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità, xi wħud miċ-ċirkostanzi li fihom żviluppat il-proċedura li tikkonċerna l-Ungerija jistgħu jitqiesu bħala eċċezzjonali. Dawk iċ-ċirkostanzi jinkludu l-fatt li l-Ungerija impenjat ruħha li tiegħu miżuri ta' rimedju biex tindirizza s-sitwazzjoni f'konformità ma' kalendarju dettaljat; il-fatt li l-Kummissjoni tqis li l-miżuri ta' rimedju proposti, meħuda flimkien u adottati f'konformità mal-kalendarju msemmi, jekk jiġu speċifikati b'mod korrett fil-liġijiet u fir-regoli ta' implimentazzjoni u implimentati skont dan, jistgħu fil-prinċipju, skont id-dettalji tal-miżuri, ikunu kapaċi jindirizzaw il-kwistjonijiet; il-ħtieġa li l-Kummissjoni u l-Kunsill ikollhom biżżejjed żmien biex jivvalutaw l-adozzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri ta' rimedju, b'kont meħud tal-ġħadd kbir u tal-komplessità teknika tagħhom.
9. Fil-5 ta' Ottubru 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kellu skambju ta' fehmiet dwar il-Proposta, u ffoka b'mod partikolari fuq l-estensjoni tal-iskadenza ta' xahar għall-Kunsill biex jaġixxi.
10. Fuq dik il-bażi, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jipproponi lill-Kunsill jestendi l-iskadenza għall-Kunsill biex jaġixxi, li tiskadi fid-19 ta' Ottubru 2022, b'xahrejn addizzjonali, sad-19 ta' Diċembru 2022.